DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2008/71/KE

tal-15 ta' Lulju 2008

dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE tas-27 ta' Novembru 1992 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali [2] ġiet emendata kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kodifikata.

(2) Skond l-Artikolu 3 (1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-verifiki veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u fi prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [4], l-annimali għall-kummerċ intra-Komunitarju għandhom jiġu identifikati skond ir-rekwiżiti tar-regoli Komunitarji u għandhom jiġu reġistrati b'tali mod li l-azjenda, ċentru jew organizzazzjoni oriġinali jew ta' transitu jkunu jistgħu jiġu intraċċati. Qabel l-1 ta' Jannar 1993 dawk is-sistemi ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni kellhom ikunu estiżi għaċ-ċaqliq ta' l-annimali fit-territorju ta' kull Stat Membru.

(3) L-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [5] tipprovdi li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni, previsti fl-Artikolu 3 (1)(ċ) tad-Direttiva 90/425/KEE, ta' l-annimali bħal dawk għandhom, ħlief fil-każ ta' annimali għall-qatla u *equidae* reġistrati, jitwettqu wara li jkunu saru l-imsemmija kontrolli.

(4) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-iskambju rapidu u effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għall-applikazzjoni korretta ta' din id-Direttiva. Ġew stabbiliti dispożizzjonijiet Komunitarji permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli [6] u bid-Direttiva tal-Kunsill 89/608/KEE tal-21 ta' Novembru 1989 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji u żootekniċi [7].

(5) Dawk li jżommu l-annimali għandhom iżommu records aġġornati ta' l-annimali li jkunu jinsabu fl-azjendi tagħhom. Il-persuni involuti fil-kummerċ ta' l-annimali għandhom iżommu records tan-negozji tagħhom. L-awtorità kompetenti għandha jkollha aċċess għal dawn ir-records meta titolbu.

(6) Sabiex ikun jista' jiġi rintraċċat malajr u b'mod eżatt iċ-ċaqliq ta' l-annimali, jenħtieġ li l-annimali jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tittieħed deċiżjoni f'data aktar tard sabiex tiġi stabbilita n-natura tal-marka u, sa meta tittieħed tali deċiżjoni, is-sistemi nazzjonali ta' identifikazzjoni għandhom jinżammu għaċ-ċaqliq li jkun ristrett għas-suq nazzjonali.

(7) Għandu jsir provvediment għall-possibbiltà tar-rinunzja tar-rekwiżiti tal-marki fil-każ ta' l-annimali li jiċċaqilqu direttament minn azjenda agrikola għall-biċċerija. Iżda, dawn l-annimali għandhom f'kull każ ikunu identifikati sabiex l-azjenda agrikola tagħhom ta' l-oriġini tkun tista' tiġi rintraċċata.

---

[1] L-Opinjoni tal-11 ta' Marzu 2008 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 355, 5.12.1992, p. 32. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

[3] Ara l-Anness I, Parti A.

[4] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

[5] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

[6] ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1. Ir-Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

[7] ĠU L 351, 2.12.1989, p. 34.

(8) Għandu jsir provvediment għall-possibbiltà tar-rinunzja ta' l-obbligu li jiġu reġistrati dawk li jżommu l-annimali għal għanijiet personali u, sabiex jittieħed kont ta' ċerti każijiet partikolari, tal-proċeduri għaż-żamma tar-reġistri.

(9) Fil-każ ta' l-annimali li l-marka tagħhom saret illeġibbli jew intilfet, għandha tiġi applikata marka ġdida li tkun tippermetti li tiġi stabbilita rabta mal-marka ta' qabel.

(10) Din id-Direttiva m'għandhiex tinċidi fuq ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/153/KEE tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-korrelazzjoni ta' kampjuni meħuda għall-eżami tal-fdal ma' l-annimali u l-azjendi agrikoli tagħhom ta' l-oriġini [1] jew fuq kwalunkwe regola rilevanti stabbilita konformement mad-Direttiva 91/496/KEE.

(11) Għandu jsir provvediment għal proċedura ta' kumitat ta' amministrazzjoni għall-adozzjoni ta' kull regola meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(12) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I, Parti B,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer, mingħajr preġudizzju għal regoli Komunitarji aktar dettaljati li jistgħu jiġu stabbiliti għall-eradikazzjoni tal-mard jew għal għanijiet ta' kontroll.

Għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 89/153/KEE, u għar-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti konformement mad-Direttiva 91/496/KEE.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "annimal" tfisser kull annimal tal-familja *Suidae*, esklużi ħnieżer slavaġ, kif definit fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer [2];

(b) "azjenda" tfisser kull stabbiliment, kostruzzjoni jew, fil-każ ta' azjenda agrikola fil-miftuħ, kull post li fih jinżammu, jitrabbew jew jiġu trattati l-annimali;

(c) "dak li jżomm l-annimali" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika responsabbli, ukoll fuq bażi temporanja, għall-annimali;

(d) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru li tkun kompetenti sabiex twettaq verifiki veterinarji jew kull awtorità li lilha tkun ġiet delegata dik il-kompetenza għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;

(e) "kummerċ" tfisser kummerċ kif definit fil-punt (3) ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/425/KEE.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtorità kompetenti jkollha lista aġġornata ta' l-azjendi kollha li jżommu l-annimali koperti minn din id-Direttiva u li jkunu jinsabu fit-territorju tagħha, li tispeċifika dawk li jżommu l-annimali; dawn l-azjendi għandhom jibqgħu fuq dik il-lista sa meta jkunu għaddew tliet snin konsekuttivi mingħajr annimali miżmuma fl-azjenda. Dik il-lista għandha tinkludi wkoll il-marka jew il-marki li jippermettu l-identifikazzjoni l-azjenda konformement ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(2) l-ewwel subparagrafu u ma' l-Artikolu 8;

(b) il-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti jistgħu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha miksuba taħt din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jkollhom l-awtorità, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 90/425/KEE, li jeskludu mil-lista fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu persuni fiżiċi li jżommu annimal wieħed li jkun intiż għall-użu jew għall-konsum tagħhom, sabiex jittieħed kont ta' ċirkostanzi partikolari, sakemm dan l-annimal ikun suġġett għall-kontrolli stabbiliti f'din id-Direttiva qabel xi ċaqliq.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull min iżomm annimal li jinsab fil-lista prevista fl-Artikolu 3(1)(a) iżomm reġistru li jkun juri l-għadd ta' annimali miżmum fir-razzett.

Dak ir-reġistru għandu jinkludi fih rekords aġġornati ta' ċaqliq (numru ta' annimali konċernati f'kull operazzjoni ta' dħul u ħruġ) għall-inqas fuq il-bażi ta' ċaqliq aggregat, li jiddikjaraw adegwatament l-oriġini jew id-destinazzjoni tagħhom, u d-data ta' dak iċ-ċaqliq.

[1] ĠU L 59, 2.3.1989, p. 33.
[2] ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Volum 34, p. 234 - 264. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).

Il-marka ta' identifikazzjoni applikata skond l-Artikoli 5 u 8 għandha tiġi dikjarata fil-każijiet kollha.

Fil-każ ta' majjali ta' razza pura jew imħallta, li jiġu mdaħħla fil-ktieb tal-merħliet konformement mad-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar l-istandards żootekniċi applikabbli għal tnissil ta' annimali ta' l-ispeċi tal-majjal ([1]), tista' tiġi rikonoxxuta sistema alternattiva ta' reġistrazzjoni bbażata fuq l-identifikazzjoni individwali li tkun tippermetti li l-annimali li għandhom jiġu identifikati jistgħu jiġu rikonoxxuti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 90/425/KEE jekk tkun toffri garanziji ekwivalenti għal dawk ta' reġistru.

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li:

(a) kull min iżomm l-annimali jipprovdi lill-awtorità kompetenti, meta jiġi hekk mitlub, informazzjoni kollha li tikkonċerna l-oriġini, l-identifikazzjoni u, fejn ikun il-każ, id-destinazzjoni ta' l-annimali li tagħhom huwa kien il-proprjetarju, li minnu ġew miżmuma, trasportati, kummerċjalizzati jew maqtula;

(b) kull min iżomm annimali trasportati lejn u minn suq jew minn ċentru ta' ġbir għandu jipprovdi dokument, li jinkludi dettalji dwar l-annimali konċernati, lill-operatur, fis-suq jew fiċ-ċentru ta' ġbir, li jkun iżomm l-annimali fuq bażi temporanja.

Dak l-operatur jista' juża d-dokumenti miksuba skond l-ewwel subparagrafu sabiex iwettaq l-obbligi stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1;

(c) ir-reġistri u l-informazzjoni għandhom ikunu disponibbli fl-azjenda u għall-awtorità kompetenti, meta dawn jintalbu, għal perjodu minimu li għandu jkun stabbilit mill-awtorità kompetenti iżda li m'għandux ikun ta' anqas minn tliet snin.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu rispettati l-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) il-marki ta' identifikazzjoni għandhom jiġu applikati qabel l-annimali jħallu l-azjenda fejn ikunu twieldu;

(b) ebda marka ma titneħħa jew tinbidel mingħajr il-permess ta' l-awtorità kompetenti.

Meta marka ssir illeġibbli jew tkun intilfet, għandha tiġi applikata marka ġdida skond dan l-Artikolu;

(c) dak li jżomm l-annimali għandu jirreġistra kull marka ġdida fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 4 sabiex tkun stabbilita rabta mal-marka preċedenti applikata lill-annimal.

2. L-annimali għandhom jiġu mmarkati kemm jista' jkun malajr, u f'kull każ qabel ma jħallu l-azjenda, b'marka tal-widna jew marka oħra fuq il-ġilda (tattoo) li tagħmilha possibbli li tiġi stabbilita l-azjenda li minnha jkunu ġejjin u li jkunu jippermettu li ssir referenza għal kull dokument li jakkumpanjahom li għandu jsemmi dik il-marka tal-widna jew marka oħra u għal-lista msemmija fl-Artikolu 3(1)(a).

L-Istati Membri jistgħu, b'deroga mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1)(c) tad Direttiva 90/425/KEE, japplikaw is-sistemi nazzjonali tagħhom għaċ-ċaqliq kollu ta' l-annimali fit-territorji tagħhom. Dawk is-sistemi għandhom jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' l-azjenda minn fejn ikunu ġejjin u l-azjenda li fiha jkunu twieldu. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bis-sistema li huma jkollhom l-intenzjoni li jintroduċu għal dan l-iskop. Konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 90/425/KEE, Stat Membru jista jiġi mitlub li jagħmel emendi fis-sistema tiegħu fejn din ma tkunx tissodisfa dak ir-rekwiżit.

L-annimali li jġorru marka temporanja li tkun tidentifika konsenja għandhom ikunu akkumpanjati matul iċ-ċaqliq kollu tagħhom minn dokument li jkun jippermetti li jiġu stabbiliti l-oriġini, il-proprjetarju, il-post tat-tluq u d-destinazzjoni.

Artikolu 6

1. Fejn l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni tiddeċiedi li ma żżommx il-marka ta' identifikazzjoni allokata lill-annimal fl-azjenda ta' l-oriġini kull spiża involuta bħala riżultat tal-bidla tal-marka għandha titħallas minn dik l-awtorità. Meta l-marka tkun hekk mibdula, għandha tiġi stabbilita rabta bejn l-identifikazzjoni allokata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tat-tluq u l-identifikazzjoni l-ġdida allokata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni; dik ir-rabta għandha tiġi reġistrata fir-reġistru previst fl-Artikolu 4.

L-opzjoni fl-ewwel subparagrafu ma tistax tiġi invokata fil-każ ta' l-annimali destinati għall-qatla li jiġu importati taħt l-Artikolu 8 mingħajr ma jġorru marka ġdida skond l-Artikolu 5.

2. Fejn ikun sar negozju mill-annimali, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni tista' għall-finijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/425/KEE, tirrikorri għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/608/KEE sabiex tikseb l-informazzjoni relatata ma' l-annimali, mal-merħla ta' l-oriġini tagħhom u ma' kull ċaqliq li jkunu ġew suġġetti għalih.

([1]) ĠU L 382, 31.12.1988, p. 36. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull informazzjoni relatata maċ-ċaqliq ta' annimali li ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat jew minn dokument meħtieġ mil-leġislazzjoni veterinarja jew żooteknika, tibqa' disponibbli għall-awtorità kompetenti, fuq talba, għal perjodu minimu li għandu jiġi stabbilit minn din ta' l-aħħar.

Artikolu 8

Kull annimal importat minn pajjiż terz li jkun għadda millkontrolli stabbiliti mid-Direttiva 91/496/KEE u li jibqa' fit-territorju Komunitarju għandu, fi żmien tletin jum minn meta jiġi suġġett għal dawk il-verifiki, u, f'kull każ, qabel iċ-ċaqliq tiegħu, jiġi identifikat b'marka li tikkonforma ma' l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva sakemm l-azjenda ta' destinazzjoni ma tkunx biċċerija li tkun tinsab fit-territorju ta' l-awtorità kompetenti responsabbli għal kontrolli veterinarji u l-annimal ma jiġix fil-fatt maqtul fi żmien dawk it-tletin jum.

Għandha tiġi stabbilita rabta bejn l-identifikazzjoni stabbilita mill-pajjiż terz u l-identifikazzjoni allokata lilu mill-pajjiż ta' destinazzjoni. Dik ir-rabta għandha tiġi reġistrata fir-reġistru previst fl-Artikolu 4.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri amministrattivi u/jew il-penalitajiet meħtieġa sabiex jippunixxu kull ksur talleġislazzjoni veterinarja tal-Komunità, fejn jiġi stabbilit li l-immarkar jew l-identifikazzjoni jew iż-żamma tar-reġistri previsti fl-Artikolu 4 ma jkunux twettqu konformement marrekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 11

Id-Direttiva 92/102/KEE, kif emendata mill-atti elenkati fl-Anness I, Parti A hija b'dan mħassra, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva msemmija fl-Anness I, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 12

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 13

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Lulju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER

ANNESS I

PARTI A

Id-Direttiva mhassra flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 11)

Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE
(ĠU L 355, 5.12.1992, p. 32)

Punt V.E.I.4.6. ta' l-Anness I ta' l-Att ta' Adeżjoni 1994
(ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 — Artikolu 15 biss
(ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8)

PARTI B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 11)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni [1]
92/102/KEE	31.12.1993 [2] 31.12.1995 [3]

[1] L-iffissar tal-limitu taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali fl-1 ta' Jannar 1994 għandu jkunu mingħajr preġudizzju għat-tneħħija ta' kontrolli veterinarji fil-fruntieri previst fid-Direttiva 90/425/KEE (ara l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 92/102/KEE).
[2] Għar-rekwiżiti fir-rigward ta' annimali tar-razza tal-majjali (ara Artikolu 11(1), l-ewwel inċiż tad-Direttiva 92/102/KEE).
[3] Għall-Finlandja fir-rigward tar-rekwiżiti għal bhejjem ta' l-ifrat, għall-majjali, għan-nagħaġ u għall-mogħoż. (Ara Artikolu 11(1), it-tieni inċiż tad-Direttiva 92/102/EEC).

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 92/102/KEE	Din id-Direttiva
Artikoli 1, 2 u 3	Artikoli 1, 2 u 3
Artikolu 4(1)(a)	Artikolu 4(1)
Artikoli 4(2)	—
Artikolu 4(3)	Artikolu 4(2)
Artikolu 5(1), punti (a), (b) u (c)	Artikolu 5(1), punti (a), (b) u (c)
Artikolu 5(1)(d)	—
Artikolu 5(3)	Artikolu 5(2)
Artikoli 6 sa 9	Artikoli 6 sa 9
Artikolu 10	—
Artikolu 11(1)	—
Artikolu 11(2)	Artikolu 10
Artikolu 11(3)	—
—	Artikolu 11
—	Artikolu 12
Artikolu 12	Artikolu 13
—	Anness I
—	Anness II